**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Marzu, 2016

Rikors Guramentat Nru : 132/09 AL

**A B**

**-vs-**

**C D sive C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici, li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi hija u il-konvenut C D sive C B izzewwgu f'Malta fis-7 ta' Ottubru 1989;
2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ghandhom tlett itfal, J illi twieled fl-1992, K illi twieldet fl-1994, u V illi twieldet fl-1998, liema tlett itfal huma allura ilkoll minorenni;
3. Illi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici ta' vjolenza fizika u morali ripetuta, eccessi, sevizzji u ingurji gravi barra mill-fatt illi suggett ghal zmien twil ghall-alkolizmu b'mod illi irrenda l-hajja konjugali ta' bejniethom impossibbli u il-hajja matrimonjali bejn l-attrici u l-konvenut tkissret irremedjabilment ghal ragunijiet allura imputabbli unikament lill-konvenut;
4. Illi l-partijiet ilhom kwazi tlett snin jghixu fattwalment separati u it-tlett ulied baqghu dejjem fil-kura u kustodja effettiva tal-attrici A B,

waqt illi l-konvenut ilu xhur twal ma jfittex lil uliedu u ma jhallas ebda manteniment minkejja digriet f'tali sens;

5. Illi minkejja diversi tentattivi ghal soluzzjoni bonarja min-naha tal-attrici, din is-soluzzjoni bonarja qatt ma sehhet, primarjament minhabba l-karattru intransigenti tal-konvenut u il-problemi illi qala' kontinwament;
6. Illi l-konvenut sadattant ukoll jallega illi ma jistax jahdem imma dana mhuwiex veru, waqt illi irrenda ruhu hati ta' numru ta' azzjonijiet lezivi ghall-komunjoni tal-akkwisti, ghal liema atti jehtieg illi jaghmel tajjeb;
7. Illi permezz ta' digriet numru 1874/08 datat it-3 ta' Novembru, 2008, dina il-Qorti ordnat lill-intimat illi jhallas manteniment lill-attrici ghat-tlett ulied taghhom fl-ammont ta' €200 ghal kull wiehed mit-tfal u allura total ta' €600 fix-xahar u jithallsu l-ewwel jum ta' kull xahar, liema ammont ghandu jigi rivedut kull sena skont l-indici ta' inflazzjoni kif pubblikat fil-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta jew fi kwalunkwe pubblikazzjoni ufficjali ohra, u ordnat ukoll illi tali somma tithallas billi tinqata' direttament mill-kont bankarju tal-intimat. Minkejja tali digriet, l-intimat ma hallas assolutament xejn;
8. Illi permezz ta' digriet numru 1867/08 datat il-31 ta' Ottubru, 2008, dina il-Qorti awtorizzat lill-attrici illi inter alia issiefer maghha lill-minuri V minghajr il-bzonn tal-kunsens tal-konvenut, u awtorizzat ukoll il-hrug ta' passaport tal-istess minuri minghajr il-bzonn tal-kunsens tal-konvenut;
9. Illi l-medjazzjoni ma tat ebda frott;
10. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja datat is-sitta u ghoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (26.02.2009). Kopja tad-digriet tinsab annessa bhala Dokument 'A';
11. Illi kien minhabba f'dana kollu illi l-attrici kellha tibda dawn il-proceduri;
12. Illi l-attrici taf b'dawn il-fatti personalment;

Talbet, in vista tal-premess, li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex jekk hemm bzonn ukoll, tramite l-appuntar ta' periti nominandi :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti konjugi B ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-konvenut minhabba vjolenza fizika u morali ripetuta, eccessi, sevizzi u ingurji gravi kommessi kontra l-istanti kif fuq premess, u/jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi tistabilixxi d-

data meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat illi minnha kien hati tal-firda;

2. Tafda f'idejn l-attrici il-kura u kustodja eskluziva tat-tlett ulied tal-kontendenti b'access regolat lill-konvenut jekk ghandu interess, u tawtorizza lill-istess attrici tiehu dawk id-decizjonijiet kollha li jkun hemm bzonn jittiehdu, inkluzi dawk relattivi ma passaport u entitajiet governativi, minghajr in-necessita' tal-kunsens tal-konvenut;
3. Tikkonferma id-digriet taghha u tordna illi l-konvenut ihallas is-somma ta' €200 fix-xahar, jew somma ohra illi dina il-Qorti joghgobha tiffissa, kull ewwel gurnata tax-xahar, ghal kull wiehed mit-tlett ulied tal-kontendenti, liema ammonta ta' €200 fix-xahar ghal kull wild ghandu jigi rivedut kull sena skont l-indici ta' inflazzjoni kif pubblikat fil-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta jew fi kwalunkwe pubblikazzjoni ufficjali ohra, u tordna illi tali somma tithallas billi tinqata' direttament mill-kont bankarju tal-intimat;
4. Tiddikjara xolta il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess propjeta' u assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala data meta l-konvenut jigi kkunsidrat li jkun hati tal-firda b'tali mod li l-konvenut jitlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila ta' l-attrici skont il-ligi u billi l-konvenut jigi ddikjarat unikament u eskluzivament responsabbli ghad-dejn u obbligazzjonijiet minnu assunti in mala fede, u billi l-attrici tigi akkreditata b'sehemha spettanti mir-rikavati ta' beni appartenenti lill-komunjoni gja mibjugha f'kaz li l-konvenut ma jaghtix rendikont soddisfacjenti ta' tali rikavat, u kif ukoll b'dawk l-ispejjez li hija ghamlet fil-propjeta' komuni, u l-konvenut jigi ikkundannat jaghti lura kull somma ta' flus jew il-valur ta' kull oggett li seta' ha il-konvenut biex ihallas jekk hemm bzonn b'opra ta' periti nominandi sabiex jillikwidaw l-istess komunjoni;
5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 u/jew minn 51 sa 55A tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);
6. Tawtorizza lill-attrici sabiex tabita u tghix flimkien ma uliedha separatament minn mal-konvenut;
7. Tordna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn dina l-Qorti l-oggetti kollha dotali u parafernali ta' l-istess attrici u fin-nuqqas jigi ikkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom hekk kif jigu likwidati jekk hemm bzonn bl-opera ta' perit nominandi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali, dawk tar-rikorsi fi hdan il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 334/08 u tal-atti kollha relativi, sussegwenti u ancillari, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, li minn issa huwa ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa :

Illi l-esponenti rcieva rikors fejn qieghed jintalab sabiex it-tfal isiefru u fir-rikors promotur hemm hafna inazetezzi immirati sabiex jitfghu lill-esponenti f'dawl ikrah mal-Qorti;

Illi fl-ewwel lok l-esponenti kien sofra incident serju fejn kien kisser daru u ghamel hafna zmien l-isptar u meta kien propju fil-mument tal-bzonn il-mara telqet mid-dar mat-tfal u abbandunat lill-esponenti;

Illi mal-moghdija taz-zmien minkejja d-diversi tentattivi da parte tal-esponenti sabiex jipprova jara lit-tfal kienet A B li dejjem cahdet lit-tfal milli jaraw lill-missierhom u dawret lit-tfal kontra tieghu meta kien qieghed jigi rikoverat l-isptar u meta kien qieghed jiehu il-kura ghand missieru u ommu;

Illi ghalkemm jidher illi hemm xi digrieti fejn l-esponenti jidher li ma irrispondiex dan qieghed jigi kkontestat b'kawza quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta;

Illi l-esponenti ghandu oggezzjoni sabiex it-tfal isiefru meta lanqas qeghdin igiebulu l-inqas rispett u lanqas qeghdin icemplulu;

Illi minkejja li sahansitra l-esponenti mar l-iskola sabiex jipprova jara lit-tfal, it-tfal kienu imgieghla sabiex ma jarawhx;

Illi jekk huma t-tfal veru tieghu l-istess tfal u martu jippruvaw jibnu relazzjoni ma missierhom halli ghall-inqal jippruvaw jaraw lill-missierhom u mhux huwa l-missier tal-isem sabiex jaghtihom il-kunsens biex isiefru;

Illi hija ghal kollox infondata kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt l-allegazzjoni li ghandu xi problema kbira tax-xorb u li sawwat lill-martu. Anki ghall-grazzja tal-agrument jekk huwa veru din ma tiggustifikax ghalfejn it-tfal qeghdin jigu imgieghla ma jarawx lil missierhom u li l-mara dawret it-tfal kontra missierhom bl-aktar hdura;

Illi l-esponenti ibati min problem fiziki serji minhabba l-incident li kellu u minflok l-appogg li ghandhom jaghtuh qeghdin iwarrbuh kompletament u ghalhekk l-esponenti ihoss illi sakemm it-tfal ma igibulux l-inqas rispett mhu jaccetta li jaghtihom il-kunsens sabiex isiefru;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi permezz ta' nota tad-9 ta' Marzu, 2016 l-attrici cediet it-tieni, it-tielet, ir-raba, il-hames, is-sitt u is-seba talbiet kontenuti fir-rikors promotur u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-imsemmija talbiet;

Illi l-Qorti qeghda tastjeni ukoll milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba tar-rikors tal-attrici tal-4 ta' Novembru 2011 stante li l-mertu huwa ezawrit;

Illi jifdal ghalhekk illi l-Qorti taqta u tiddeciedi dwar l-ewwel talba attrici;

Illi l-Qorti rat ir-rikors tal-attrici tal-4 ta' Novembru 2011 li permezz tieghu talbet illi t-talba taghha ghas-separazzjoni titqies bhala talba ghal pronunzjament ta' divorzju;

Illi il-Qorti rat ir-risposta ta' C D B ghal din it-talba u permezz tar-risposta tieghu l-intimat oppona ghal din it-talba, izda sussegwentement fil-verbal tas-seduta tad-9 ta' Marzu 2016 Dr Martin Fenech ghall-intimat iddikjara li qieghed jirrimetti ruhu dwar din it-talba attrici;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha rilevanti;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li l-attrici irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet illi issa iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni bonarja, liema kuntratt gie ukoll ippubblikat, ilhom de facto separati minn Awissu tas-sena 2006;

Illi l-attrici ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel talba attrici, u qeghda tippronunzja id-divorzju bejn il-kontendenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez dwar din it-talba attrici jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Ft. Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur